MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 164/2003

**Il-Pulizija**
**(Spett. Alfred Mallia)**

**Vs**

**Mario Farrugia**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra:

L-imputat Mario bin Joseph u Maria nee' Sapiano, imwieled Pieta' fit-18.04.1965 u residenti 40, Triq San Mikiel, Bormla, detentur tal-karta ta' identita' nru 203165(M).

L-imputat Martin Farrugia bin Joseph Maria nee' Sapiano,

imwieled Peita' fid-19.05.1963 u residenti 40, Triq San Mikiel, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' nru. 290263 (M).

Akkuzati talli;

1. huma f'Haz-Zabbar fit-13 t'Ottubru 2003, ghal habta tal-10.30am ikkommettew serq ta' basket li kien fih Mobile Phone Sagem valur LM 60, tletin lira Maltin fi flus kontanti (LM30) u xi hwejjeg ohra li l-valur globlai taghhom huwa ta' inqas minn LM100, minn karrozza Kia Pride nru tar-registrazzjoni LCB-247 li kinet ipparkjata imsakkra fi Triq Felice, Zabbar, ghad-dannu ta' Rita Farrugia minn Haz-Zabbar, liema serq kien ikkwalifikat bil-"mezz" u bix-"xorta tal-haga misruqa", bi ksur tal-Art. 263 (a) u 271 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess cirkustanzi ikkagunaw hsara volontarja fuq vettura Kia Pride LCB-347, liema hsara hija ta' inqas minn LM50 izda izjed minn LM 10 ghad-dannu ta' Rita Farrugia minn Haz-Zabbar, bi ksur tal-Art. 325 tal-Kap 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Bl-istess cirkustanzi saru recedivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

3. u talli waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16/11/2000 kontra Mario Farrugia u waqt il-perijodu operattiva ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) fit- 08/05/2000 kontra Martin Farrugia ikkommettew reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, bi ksur tal-art 28 (A) (B) (C) tal-kap tal-ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u ikkondizzjonata tal-imputati li fiha ippersistew anke waqt li l-Qorti taghthom zmien biex jirriflettu.

Wara li rat l-Art 261 (b) (g); 264; 271; 278; 325; 17; 31 tal-Kap 9;

Tikkundannahom sitt xhur kull wiehed. Ghal dak li hu sentenza sospiza tordna li tibqa' fis-sehh l-Art 28 (b) ghal perijodu ta' erba' snin mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------